**L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.**

**Seduta miżmuma llum l-Erbgha 28 ta' Ottubru 2020, fid-9:30 a.m. fit-Tieni Sular, Awla 20, il-Qorti.**

Xhud **l-Assistent Kummissarju Alessandra Mamo** iben Anthony imwielda z-Zurrieq u stazzjonata d-Dipartiment tar-Reati Finanzjarji bil-Malti u bil-gurament taghha tghid :

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Mela inti m' ilekx wisq f' dan id-Dipartiment, hux hekk? Fil-fatt ghadek kemm sirt issa...

***Ix-Xhud :***
Jekk forsi tippermettili din l-Onorabbli Qorti nista' nispjega illi fit-22 ta' Gunju meta gie konfermat il-Kummissarju ghajjatli, kien cempilli u xtaq illi niltaqghu fit-23, l-ghada jigifieri, ta' Gunju, fejn qalli li ghandu l-fiducja fija biex immexxi id-Dipartiment ta' l-FCID. Nistqarr illi dak il-hin ixxukjajt, ha nkun onesta, ghax il-linja tieghi hija Familja u Drittijiet illum il-gurnata. Pero` meta jiena dak il-hin f' mohhi zammejt l-interess ewlieni tal-Korp u ta' Malta u ghalhekk jiena accettajt …

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ir-rwol..

***Ix-Xhud :***
…li kien talabni l-Kummissarju. Difatti fl-ewwel (1) ta' Lulju, ta' din is-sena sintendi, issa ormai ilni erba' xhur, bdejt il-hidma tieghi f' dan id-Dipartiment. Ghall-ewwel konna stazzjonati l-Kwartieri Generali, pero` fit-8 ta' Settembru mxejna issa ghal post il-gdid Sta Venera fejn issa qieghed hemmhekk id-Dipartiment kollu taht binja wahda. U nixtieq nispjega illi d-Dipartiment tieghi huwa maqsum f' zewg skwadri, zewg skwadri magguri. Wahda hi li tinvestiga l-hasil ta' flus u l-iffinanzjar tat-terrorizmu, u l-ohra, l-iskwdra l-ohra tinvestiga r-reati ekonomici.

Bhala spetturi, meta mort jigifieri f' Lulju, kelli erba' spetturi fl-iskwadra tal-hasil ta' flus u tmienja (8) job shadowing kienu dak iz-zmien, u fl-iskwadra ta'

kontra r-reati ekonomici ukoll kelli tmien (8) spetturi u iehor job shadowing. Meta dawn hadu l-gurament, lahqu, illum il-gurnata jigifieri ghandi tnax (12)-il spettur jinvestga fil-Hasil ta’ Flus u l-Iffinanzjar tat-Terrorizmu. Ghandi iehor waqqafna t-Tax Compliance Unit u ghandi spettur adett hemmhekk biex jinvestiga l-investigazzjonijiet ta’ evazzjoni ta’ taxxa, u jaqa’ taht l-iskwadra tal-hasil ta’ flus. U mbaghad ghandi l-iskwdra tar-Reati Ekonomici u illi ghandi tmien (8) spetturi. Kull skwadra ghandha supretendent. L-iskwadra tal-Hasil ta’ Flus ghandi s-suprtetendent Dr Frank Tabone, u l-iskwadra ta’ Reati Ekonomici ghandi s-supretendent James Grech. Ghandi wkoll Blockchain Analyses Unit li ghandi zewg ufficjali, u ghandi wkoll il-Financial Crimes Analyses Unit. Ghandi mmexxija minn analist.
Ghandi wkoll it-Tax Force illi bhal issa qieghda tahdem in colloberation mas-CID u l-Europol minhabba ovvjament il-kaz ta’ l-omicidju tal-mibkija Daphne Caruana Galizia. B’ kollox ghandi circa 94 - 95 ufficjal taht ir-responsabbilta` tieghi; kollha jahdmu taht saqaf wiehed minn din il-binja.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Inti kuntenta b’ dan l-istaff li ghandek kwalita` u numru?

***Ix-Xhud :***
Bhala numru nista’ nghid illi u forsi nispejga wkoll kemm hu kompless l-investigazzjoni ta’ hasil ta’ flus specjalment; mhux ghax ir-reati ekonomici m’ humiex, imma hemm differenza kbira bejn investigazzjoni ta’ hasil ta’ flus u ffinanzjajr ta’ terrorizmu ghal dik wahda finanzjarja. Bhala rizorsi qatt ma ahna kuntenti.

***Imhallef J Said Pullicino :***
….. principali; id-diffikutla`. Id-diffikultajiet bejn wahda u l-ohra x’ inhuma?

***Ix-Xhud :***
Id-diffikultajiet huma varji. Bhala rizorsi qatt ma huma bizzejjed ghaliex illum ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
….bejn il-Financial Crimes u l-Economic Crimes ..

***Imhallef A Lofaro :***
Il-Money Laundering.

***Ix-Xhud :***
Money Laundering

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghaliex iktar komplessa l-..

***Ix-Xhud :***
L-investigazzjonijiet ta' money laundering.. hasil ta' flus u finanzjar ta' terrorizmu u anke investigazzjonijiet finanzjarji, ghaliex ahna, issa kif nispjega, naghmlu wkoll nibdew parallel financial investigations minn dawk l-investigazzjonijiet magguri illi jkunu ghaddejjin kemm per ezempju …

***Imhallef J Said Pullicino :***
…

***Ix-Xhud :***
… traffikar ta' droga, jew xi sensiela ta' serq. Hemmhekk tiskatta parallel financial investigation taht l-iskwadra tal-Hasil ta' Flus. Ir-rizorsi qatt ma huma bizzejjed ghaliex il-Hasil ta' Flus u r-reat finanzjarju tal-Financial Crimes huma the new typology of crimes tal-lum il-gurnata; jigifieri qatt ma huma bizzejjed. Analisti hemm sejha wkoll biex ikollna aktar analisti u forensic accountancy, u dana naturalment u aktar rizorsi kemm spetturi u kif ukoll f' kull rank jigifieri surgenti u anke kuntistablijiet, biex inlahhqu ma' l-investigazzjonijiet li ghandna specjalment hemm l-iskwadra ta' Hasil ta' Flus.
Issa jekk bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti; l-investigazzjoni ta' Hasil ta' Flus hija komplessa. Ghaliex? 1) nibdew, kif tibda investigazzjoni ta' Hasil ta' Flus? Jew nircievu rapporti, kemm minn entitajiet u kif ukoll rapporti anonimi ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Bhal l-FIAU jigifieri …?

***Ix-Xhud :***
Nircievu wkoll rapporti minn l-FIAU illi dawk huma intelligenza, allura rridu dik l-intelligenza tigi translated into raw evidence, u kif ukoll minn rapportaggi mill-media. Rapportaggi mill-media jigu analizzati, evalwati; u jekk ikun oportun tiskatta investigazzjoni kriminali. Kif ghedt dik hija l-ewwel livell. Jigi assenjat spettur jew spetturi skont in-natura tal-kaz. It-tieni livell hija illi flimkien ma' l-ispetturi.., issa din hija il-politika tieghi, flimkien ma' l-ispetturi u s-supretendent nanalizzaw u nevalwaw dan ir-rapport x' hemm bzonn isir biex insahhu l-evidenza.
Jekk ahna naraw illi minn dik l-evidenza rridu naghmlu anke request of information kemm fil-gurisdizzjoni taghna u kif ukoll gurisdizzjonijiet ohrajn isir request for information. Jekk naraw illi huwa opportun illi jinhargu investigation order nohorgu investigation order jew inkella attachment order illi kif tghallimi l-Qorti ghandu hajja ta' sitt (6) xhur u jista' jigi estiz b' sitt

xhur ohra jekk ikun hemm provi godda; dejjem skont il-kaz. Dak huwa t-tieni livell u t-tielet livell ukoll. Jigifieri l-process huwa twil.

Huwa twil ukoll ghaliex jekk meta ahna nircievu r-replies minn financial and credit institutions iridu jigu analizzati kollha u fid-dettal u bir-reqqa sabiex nillinkjawhom mar-reat ta’ Hasil ta’ Flus jew Iffinanzjar tat-Terrorizmu. Meta jkun hemm rikjesti minn gurisdizzjonijiet.. foreign jurisdictions kemm Ewropej u kif ukoll barra l-Ewropa; l-Ewropa jintalab European Investigation order, barra l-Ewropa letter of rogatory. Ikun hemm iz-zmien. Iz-zmien ghaliex mhux kulhadd jirrispondi fil-hin allura rridu naghmlu r-reminders; b’ hekk il-process jitwal. Pero` sadanittant l-ivnestigaturi jkomplu bl-investigazzjoni taghhom; ma joqghodux jistennew it-twegibiet jaslu. Ghax kif ghedt, illi kull dokument u kull informazzjoni li sussegwentement in interim tibqa’ tibda diehla din tigi evalwata u mistharrga.
Wara li jingabru l-provi kollha u naraw li ghandna ragunijiet bizzejjed, it-tielet levell jew inkella r-raba’ livell ikun illi meta naraw li ghandna ragunijiet bizzejjed jintalab mandat ta’ arrest u ta’ tfittxija jekk ikun il-kaz, u jigi esegwit u jigu interrogati l-persuna jew persuni illi jkunu ta’ interess ghal dik l-investigazzjoni.

Ir-raba’ process.. ir-raba’ livell hija l-…. ta’ interrogazzjoni, u jekk ikun hemm provi sufficjenti, provi bizejjed biex il-persuna jew persuni ta’ interess jew persuni li gew interrogati jittellghu quddiem il-Qorti. Jekk ikollna bzonn inkomplu ninvestigaw il-persuna jew il-persuni interrogati johorgu bil-police bale. U dik hija l-iter tal-vjagg ta’ l-investigazzjoni dwar hasil ta’ flus.

***Imhallef A Lofaro :***
Issa dejjem hekk kienet?

***Ix-Xhud :***
Sinjura, jiena ..

***Imhallef A Lofaro :***
Jew inti sibtha…..

***Ix-Xhud :***
Le, l-investigazzjoni dejjem hekk kienet, pero` l-politika tieghi hi sa minn mindu mort illi jinzammu laqghat kontinwi. Kull nhar ta’ Hadd, tghidli ghaliex il-Hadd?, imma l-Hadd ghazilt jiena, Jirrapportali l-weekly updates ahna nghidulhom, ta’ diversi kazijiet magguri. Illi tajjeb nghid, illi meta mort hemmhekk il-Kummissarju ghaddieli numru ta’ kazijiet.. ta’ kazijiet maguri illi kienu ghaddejjin b’ mod attiv f’ din l-iskwadra ta’ Hasil ta’ Flus u anke l-iskwadra l-ohra tar-Reati Eekonomici, u jiena tlabt u ghadni nitlob li kul nhar

ta’ Hadd ituni update. Jigifieri kull spettur li ghandu din l-investigazzjoni jew dawn l-investigazzjonijiet ituni update ta’ x’ ghamlu, x’ inhi l-kors of action li ser jiehdu ..

***Imhallef A Lofaro :***
Il-progress li sar…

***Ix-Xhud :***
Il-progress li sar, x’ qeghdin jahsbu li ser isir, x hemm bzonn li jsir, ghaliex forsi ma sar xejn. Mhux jigifieri ghax ma ghamlu xejn. Oer ezempju ikunu qeghdin jistennew l-ittri rogatorji jaslu ..

***Imhallef A Lofaro :***
Jistennew risposta, ehe

***Ix-Xhud :***
Jew it-twegibiet minn EIO. Jekk ikun inhoss in-neccessita` jiena insejjah laqgha mas-suprtendent, ghax is-supretendent kuljum sa tard billejl ghaddejjin bil-laqghat u d-diskussjonijiet, insejhu individwalment laqghat u niddiskutu dawn l-investigazzjonijiet. Tajjeb li nghid ukoll illi qabel kull operazzjoni, hi x inhi l-operazzjoni, jiena flimkien mas-supretendent u l-ufficjal investigattiv jew ufficjali investigattivi naghmlu laqghat dwar l-operazzjoni qabel l-operazzjoni, waqt l-operazzjoni u wara l-operazzjoni. Biex jiena qeghdin naddottaw il-four-eyes rule; jigifieri ma jarawx huma biss, naraw ahna, jiena flimkien mas-suptretendent jew is-supretendenti.

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux hekk? Importanti hux!

***Ix-Xhud :***
Ezatt. Halli zgur illi we don’t leave any stone unturned waqt....

***Imhallef A Lofaro :***
U nimmagina li taghti l-input tieghek, taghti il-feedback tieghek, suggerimenti, ordnijiet.

***Ix-Xhud :***
Ezatt, il-feedback, u nisma’ lilhom  ukoll. Nara x’ diffikultajiet ghandhom waqt dan il-vjagg ta’ l-investigazzjoni, u kif wiehed jista’ jghin anke pariri legali; li jiena flimkien ma’ Dr Tabone naghtu anke pariri legali u naghmlu anke wkoll research dwar sentenzi moghtija minn qrati Maltin ..

***Imhallef A Lofaro :***
Dan intom taghmluh; mhux tmorru l-AG?

***Ix-Xhud :***
Le immorru l-AG ukoll; ha nigi ghaliha

***Imhallef A Lofaro :***
Ok.

***Ix-Xhud :***
U anke naghmlu research dawk is-sentenzi moghtija min ECHR ukoll, specjalment dwar il-Hasil ta’ Flus. Ghandna rapporti tajbin hafna, u nista’ nghid b’ responsabbilta` a strong working relationship kemm ma’ l-FIAU u kif ukoll ma’ l-Avukat Generali; illi specjalment mill-ewwel (1) ta’ Ottubru meta ha l-prosekuzzjoni l-Avukat Generali qeghdin inzommu laqghat ta’ diskussjonijiet kontinwi ma’ l-Avukat Generali ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ma’ min in particular?

***Ix-Xhud :***
Ma’ l-Avukat Generali per se Dr Victoria Buttigieg u ma’ Dr Elaine Mercieca Rizzo; biex l-investigazzjonijiet jigifieri li ghandna jigi assenjat avukat minn l-ufficcju ta’ l-Avukat Generali u niddiskutu wkoll fiex waslet l-investigazzjoni, meta ser naghmlu l-operazzjoni u eventwalment x’ irrizulta minn l-interrogazzjoni biex fl-ahhar minn l-ahhar naslu quddiem il-Qorti.

***Imhallef A Lofaro :***
Taf jekk kienx qed isir hekk qabel jew le?

***Ix-Xhud :***
Ma ghandix.. ma nafx.

***Imhallef A Lofaro :***
Hadd ma qallek xejn?

***Ix-Xhud :***
Jiena meta mort Sinjura, jiena meta mort ..

***Imhallef A Lofaro :***
X’ sistema sibt?

***Ix-Xhud :***
Sistema sibt ghexieren ta’ investigazzjonijiet ghaddejjin fiz-zewg skwadri illi kollha kienu attivi; jigifieri kollha kienu b’ xi mod mibdijin u qeghdin jitkomplew.

***Imhallef A Lofaro :***
Kien isir follow-up regolari? Plans of action?

***Ix-Xhud :***
M’ ghandix idea.. ma tawnix dik l-impressjoni ..

***Imhallef A Lofaro :***
Pero` sibt naqra backlog nimmaginax hux?

***Ix-Xhud :***
Backlog sibt, pero` l-backlog gie.. ghamilt preauthorisation tax-xoghol, ghax hemm investigazzjoni.. kull investigazzjoni hija importanti ..

***Imhallef A Lofaro :***
Le imma dik ovvja hu. Mhux hekk?

***Ix-Xhud :***
Kull investigazzjoni qed intuha l-importanza taghha. Anke specjalment ghaliex tghallimni l-Qorti hemm vittmi per ezempju ta’ l-uzura illi dawk ukoll qeghdin naghtuhom l-importanza taghhom.

***Imhallef A Lofaro :***
Da zgur.

***Ix-Xhud :***
Pero` mbaghad ghandek investigazzjonijiet magguri fl-iskwadra ta’ Hasil ta’ Flus u Iffinanzjar tat-Terrorizmu fejn hemm investigazzjonijiet illi jinvolvu certu nies ta’ minn kull livell tas-socjeta` inkluz PEP’s

***Imhallef A Lofaro :***
PEP’s

***Ix-Xhud :***
PEPs. U ta’ persons of trust, illi hemmhekk qeghdin naghtu qeghdin niffokaw u qeghdin ninvestu l-energija taghna f’ dawn l-investigazzjonijiet u ghalhekk saret il-preauthorisation. Kif ghedt ukoll illi.. jien inzomm kuntatt kontinwu mal-Kummissarju biex ninfurmah dwar dawn l-investigazzjonijiet u jsiru b’ mod regolari l-updates illi jiena jkolli, allura jiena nkun nista’… inkun qieghda

f' pozizzjoni li nirrelata wkoll fiex waslu dawn l-investigazzjonijiet mal-Kummissarju, u nzommu kuntatt regolari.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri mal-Kummissarju qeghdin naqblu li inti u l-Kummissarju ghandkom releazzjoni regolari..

***Ix-Xhud :***
Hafna

***Imhallef J Said Pullicino :***
U zzommu updates u jinterssa ruhu l-Kummissarju f' dak ix-xoghol taghkom.

***Ix-Xhud :***
U zgur; hafna.

***Imhallef A Lofaro :***
Jiehu interess kbir

***Ix-Xhud :***
Hafna hafna hafna.

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux hekk? hekk ghadnu jkun. Hekk kif ghadnu jkun hu!

***Imhallef J Said Pullicino :***
Importanti jigifieri li nistabillixxu dan; semmejtilna li kull nhar ta' Hadd taghmlu dawk il-meetings ..

***Ix-Xhud :***
Jinbaghtuli il-feedback taghhom

***Imhallef A Lofaro :***
Is-supretendenti kollha

***Imhallef J Said Pullicino :***
..u huwa minuted?

***Ix-Xhud :***
L-ispetturi investigattivi.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dak huma minuted? Jirrizultaw mill-file? Ikunu minuted u jirrizultaw mill-file dawn?

***Ix-Xhud :***
Le.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mhux bilfors?

***Ix-Xhud :***
Huma jibaghtuli l-email. Email, jigifieri l-feedback jibaghtuli via email, ovvjament ikunu ikkupjati z-zewg supretendenti.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma taghmilhiex fil-file l-email ghal li jista’ jkun?

***Ix-Xhud :***
Jiena fil-working files tieghi iva ghax jiena kull email nipprintjaha u nitfaghha fil-folder.

***Imhallef A Lofaro :***
Prosit. Yes.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mela dan qed nippersumi li kull kaz ghandu its own file.

***Ix-Xhud :***
Kull ufficjal investigattiv ghandu l-file tieghu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghandu l-file tieghu.

***Ix-Xhud :***
Ghandu l-file ufficjali u l-working file tieghu jew taghha.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Issa fil-file ufficjali x’ jirrizulta? Jekk nitolbok jiena file tat-tali kaz.. fejn naf, sa sena ilu, x’ hemm miktub. Issib miktub?

***Ix-Xhud :***
Jiddependi, jiddependi l-policy ta’ l-ufficjal li jkun. Hemm uffijcali illi jzommu kull pass ta’ l-investigazzjoni fil-file ufficjali,

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dak importanti...

***Ix-Xhud :***
.. u hemm ohrajn illi jzommuha fil-working file. Ghax din hija feedback, hija xi haga politika li jiena addottajt u qed nimplimenta jigifieri. Meta mbaghad waqt id-diskussjonijiet ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Taf x' inhi d-domanda tieghi? Jigifieri jekk jiena nibghat ghal file partikolari ta' kaz partikolari, minn dak jirrizultali ghaliex dak il-file mexa jew mexiex? Jew ghaliex wehel?

***Ix-Xhud :***
Iva mela mela. Jekk il-file..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jirrizulta. Minn .... qed nghid.

***Ix-Xhud :***
Jekk il-file..

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux ta' zmienek imma; ta' qabel zmienek

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ta' qabel zmienek.

***Ix-Xhud :***
Ta' qabel zmieni.

***Imhallef A Lofaro :***
Iva wkoll.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ta' qabel zmienek.

***Ix-Xhud :***
Ta' qabel zmieni jekk l-ufficjal investigattiv ser imexxi l-file lil ta' fuqu hemm hemm il-.. iva jirrikordja..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Minute u ghaliex.

***Ix-Xhud :***
Minute u ghaliex qed jirreferi l-file lil ta' fuqu, u anke jkun hemm il-movement of file ukoll.

***Imhallef A Lofaro :***
Is-Sur Abdilla tak handing over?

***Ix-Xhud :***
Is-Sur Abdilla …?

***Imhallef A Lofaro :***
Tak handing over?

***Ix-Xhud :***
Tani handover.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma tantx jidher li kien..

***Ix-Xhud :***
Jekk nista' nixhed iktar fil-maghluq..

***Imhallef A Lofaro :***
Ok.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ahna ghal issa qed naghmlu kawza hawn il-parti pubblika; jigifieri l-informazzjoni li ittina hija biex il-pubbliku jkun jaf x' qed taghmel inti u x' kien isir qabel; sa fejn li tista' tghidilna. Affarijiet ohrajn imbaghad ikunu … kompli ghidilna..

***Imhallef A Lofaro :***
Kien izomm files kif izzomm inti?

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Issa dik imbaghad staqsiha ..

***Ix-Xhud :***
Inwiegeb wara.

***Imhallef A Lofaro :***
Ok; mela dik imbaghad nitkellmu wara; ok grazzi. Tista' tkompli mela..

***Ix-Xhud :***

Li nista' inzid ukoll biex forsi sfuggietli, li apparti ma' l-investigazzjonijiet taz-zewg skwadri qeghdin ukoll nahdmu qatiegh minhabba ovvjament l-evalwazzjoni li gejja tal-Moneyval. Jigifieri l-Moneyval jirrikjedi hafna xoghol. Ghandi s-supretendent.. iz-zewg supretendenti, imma l-iktar is-supretendent involut huwa s-supretendent Dr Frank Tabone ta' l-iskwadra tal-Hasil ta' Flus, u zewg spetturi illi qeghdin jghinuni. Hemm gbir ta' statistika u laqghat kontinwi ma' l-NCC in-National Coordinating Committee, u kif ukoll nissottomettu regolari r-rapporti. Ghaliex jiena nixtieq u determinati bhala Dipartiment illi f' dak li jikkoncenrna l-hidma tal-Pulizija nixtieq illi jkollna rizultati prozittivi jekk Alla jrid fl-evalwazzjoni tal-Moneyval. U nixtieq nghid illi f' dawn l-ahhar erba' xhur kemm ilna hemmhekk ahna.. kemm ilni jiena u kif ukoll mat-team kollu tieghi sar a mark improvement f' diversi investigazzjonijiet. Tant hu hekk illi ttellghu... issolvew u nghalqu kazijiet u ttellghu wkoll kazijiet li jirrigwardaw hasil ta' flus quddiem il-Qrati Maltin.

***Imhallef J Said Pullicino :***

U x' inhu l-apprezzament tieghek ghar-rappoti li tircievu minn l-FIAU?

***Ix-Xhud :***

X' inhu?

***Imhallef J Said Pullicino :***

L-apprezzament tieghek kif tahdmu meta tircievu rapport minn l-FIAU

***Ix-Xhud :***

Mela meta nircievu rapporti minn l-FIAU ahna nircievu tliet rapporti ta' l-FIAU, erbgha anzi. Analytical report, intelligence report, spontaneous report jew inkella updates. Dawn huma kollha intelligenza, u kif ghedt, illi din l-intelligenza trid tigi konvertita f' raw evidence u mbaghad nipprocedu ghal interrogazzjoni per se. Kif nircievu r-rapporti ta' l-FIAU jinfetah il-file, jigi mghoddi lis-supretendent ovvjament ta' l-iskwadra ta' Hasil ta' Flus u l-Iffinazjar tat-Terrorizmu, u s-supretendent jassenja spettur jew spetturi skont in-nautra tal-kaz x' ikun. U dan ukoll ghal kull kaz ta' hasil ta' flus. Ghax hemm kaz illi spettur wahdu jmexxi, u hemm kaz magguri fejn jirrikjedi ammont ta' spetturi, u nista' ukoll illi nirrowpjaw.. insejhu spettur minn l-iskwadra tar-Reati Ekonomici.

***Imhallef J Said Pullicino :***

Ghedtilna wkoll illi intom taghtu kaz, almenu llum, tar-rapporti li jsiru fil-gurnali...

***Ix-Xhud :***
Yes.

***Imhallef J Said Pullicino :***
... u allegazzjoni u x’ naf jien. Dina minn dejjem kienet hekk jew inti introducejta ..

***Ix-Xhud :***
Jiena meta mort iva s-Sur Abdilla kien qalli illi importanti li naraw insegwu l-media u wkoll is-CMRU taghna tghaddilna dawk l-extracts mill-gazzetti ghal l-iskrutinju taghna. Allura tkun iktar facli li narawhom ta’ kull jum, nanalizzahom mat-team tieghi u nevalwawhom. Jekk naraw illi ghandna ghalfejn tiskatta investigazzjoni kriminali nifthu l-file u nghadduh ghand spettur biex jibda l-investigazzjonijiet. U wkoll gie li jghaddili l-Kummissarju hu stess ghall-attenzjoni tieghi.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Id-domanda qed insaqsik ghaliex il-Panama Papers effettivament bdew mill-gurnali, mill-blogs, whatever; jigifieri u r-reazzjoni li kien hemm kienet ghal dak li gie ppubblikat minn investigazzjoni ta’ gurnalista. Issa jigifieri having said that, wiehed jifhem illi meta saret dik ir-reazzjoni, it-taqsima tieghek, ta’ qablek jigifieri, tistenna li jiehdu l-inizzjattiva minnufih biex jaraw x’ inhi din il-pozizzjoni.. jigifieri ..

***Imhallef A Lofaro :***
Inhela hafna hin.

***Imhallef J Said Pullicino :***
…il-files u jew minn l-istadju fejn wasaltu issa x’ attivita` ittiehdet dak iz-zmien ...

***Ix-Xhud :***
Dak iz-zmien ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
…meta gew ippubblikati l-Panama Papers?

***Ix-Xhud :***
….minghajr ma ninstema disrespectful ma nistax nirrispondija. Pero` jiena ghal dak il-kaz li qed tirreferi s-Sinjorija Tieghek ghalih sibthom fi stadju ta’ zewg Inkjesti Magisterjali. Wahda minnhom illum il-gurnata maghluqa, inghalqet f’ Settembru mill-Magistrat Natasha Galea Sciberras, fejn il-Pulizija kompliet bl-investigazzjonijiet taghha, u ghadna ghaddejjin u ghaddejjin b’

mod attiv, nista' nghidhielek min sbieh filghodu u nibqghu ghaddejjin sa tard billjel halli nibqghu ghaddejjin b' dawn l-investigazzjonijiet u nsibu wkoll nigbru l-evidenza. Nista' ninforma lill-Qorti wkoll illi fil-21 ta' Settembru tlabna mandat ta' arrest u tfittxija fejn gew arrestati erba' persuni u interrogati erba' persuni fejn bhal issa dawn l-erba' persuni huma taht police bail
Issa t-tieni Inkjesta ghadha ghaddejja b' mod attiv quddiem il-Magistrat Josette Demicoli.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma sadanittant il-fatt biss li jkun hemm Inkjesta allura intom tieqfu tistennew..?

***Ix-Xhud :***
Le, assolutament le. L-investigazzjonijiet...

***Imhallef A Lofaro :***
Naqblu hux li l-Pulizija tkomplu ..

***Ix-Xhud :***
..baqghu.. jibqghu ghaddejin naghmlu investigazzjoni paralleli ma' l-Inkjesti Magisterjali li jkunu ghaddejjin quddiem il-Magistrat Inkwerenti.

***Imhallef A Lofaro :***
Qabel zmienek kien qed isir hekk fi zmien is-Sur Abdilla?

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Suppost dejjem hekk isir.

***Ix-Xhud :***
Suppost ehe hekk; suppost dejjem hekk...

***Imhallef A Lofaro :***
Imma mhux is-suppost! Jekk kienx qed isir hekk.

***Ix-Xhud :***
Ma nistax nirrispondija.

***Imhallef A Lofaro :***
Lanqas fil-privat?

***Ix-Xhud :***
Fil-privat iva.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Fil-privat; grazzi.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Il-problema qieghda illi almenu minn dak li sibna hawnhekk illi sakemm isiru dawn l-inkjesti min ikun hemm l-agir kriminuz, allegatament kriminuz, jibqa' ghaddej. Jigifieri l-provi ma jigux almenu.. ma tirrizultax li ttiehdet azzjoni preventina biex il-provi jigu misjuba u.. I mean din il-parti ma ssirx.

***Ix-Xhud :***
…fl-Inkjesti Magisterjali minn dak li jiena infurmata, per ezempju u hawn qed nirreferi ghal dawn iz-zewg Inkjesti Magisterjali, l-ebda magistrata inkwerenti minn dak li jirrizultali qatt ma attirat l-attenzjoni tal-Pulizija illi kien hemm xi evidenza illi setghet giet mitlufa jew ha nghidu hekk imbaghbsa. Jigifieri fl-ebda mument ta' dawn iz-zwg Inkjesti Magisterjali. Illi jiena dawn l-Inkjesti flimkien ma' inkjesti ohrajn qieghda insegwihom u qed nidhol fid-dettal jiena flimkien mas-supretendent Dr Frank Tabone u l-investigaturi.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Operation Green…

***Ix-Xhud :***
Din hi.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
F' din, fiex sibtha?

***Ix-Xhud :***
Fi stajdu ta'.. it-tenjn li huma fi stadju ta' inkjesti magisterjali. Wahda minnhom inghalqet kif diga` irrelatajt, u l-ohra qieghda fi stadju kruccjali.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dawn it-tnejn, dawn iz-zewg inkjesti huma involuti f' Operation Green jew huma Operation Green?

***Ix-Xhud :***
Huma Operation Green

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Huma Operation Green.

***Ix-Xhud :***

Huma Operation Green. U kif diga` ghedt l-ohra li qieghda quddiem il-Magistrat Josette Demicoli qieghda fi stadju kruccjali.

***Imhallef J Said Pullicino :***

Id-diffikulta` tieghi hija kif ma tittehidx azzjoni minn l-ewwel biex jigi assikurat illi l-evidenza ma ticcaqlaqx. Per ezempju jekk hemm l-accountants involuti, kif ma tittehidx..? Mhux bilfors ..

***Imhallef A Lofaro :***

…ma jiehdux is-servers tal-bank…?

***Imhallef J Said Pullicino :***

Biex izommu milli x-xhieda tigi mitlufa.

***Imhallef A Lofaro :***

Imbaghabsa jew mitlufa.

***Ix-Xhud :***

Bil-permess tal-Qorti jekk qed tirreferi ghal dawn iz-zewg inkjesti nixtieq inwiegeb fil-privat.

***Imhallef J Said Pullicino :***

Ghax …. kien kaz pubbliku u nistghu nsemmuh, meta kellna kaz tal-Pilatus u kien hemm dak l-incident .. persuna hierga jew mhux hierga bid-dokumenti u mhux dokumenti.., dan ir-reazzjoni tal-Pulizija donnu li kienet.. ma rajna xejn. M' hemxm ghalfejn nindhalu, anzi jekk nindahhlu ser noholqu xi wahda kbira! I mean is that the approach jew inkella trid tara kif taghmel biex dak il-proxxmu li ma kellu x' jaqsam xejn ma' l-istat dan; kien impjegat ta' bank, tajjeb? Kif daka ticcekkja x' ghandu. Anke jekk m' ghandu xejn; mhux qed nghid li ghandu jien! tajjeb? Imma ma ttiehdet l-ebda azzjoni, u dik ghalina hija kurjuza, qed tifhem? U bhal dik hemm hafna affarijiet ohrajn hux. Ghax l-inattivita` iggib mbaghad l-immunita`. Jekk inti ma tiehux azzjoni u l-affarijiet miexjin mela allura hemm certa immunita`; jien ha nibqa' ghaddej! Kapaci lanqas ikun jaf dak li jkun li qed tinvestiga inti. u jekk tinvestigah ma jimpurtax. Tinxiex hawn ghandna allegazzjonijiet. Again, mhux forsi fondati, wiehed irid jara illi anke kien hemm membri tal-Korp tal-Pulizija, issa jekk dawn kienu b' xi mod involuti; imma tghidilna inti; jigifieri this is the approach.

***Ix-Xhud :***

Din hemm inkjesta wkoll fuqha.

..

***Imhallef J Said Pullicino :***
..imma l-approach huwa jindika hemmhekk, qed tifhem? Kien hemm inattivita` u dik qed tinkwetana hux!

***Ix-Xhud :***
Li nista' forsi inzid ukoll illi l-apparat eletroniku li gie extracted mid-devices ta' Yorgen Fenech illi llum huwa ghaddej proceduri kriminali quddiem il-qrati, dana qed jigi.., ghandna kopja, ghandna kull chat qed tigi analizzata, evalwata, u jekk ikun opportun tinfetah investigazzjoni kriminali fil-konfront ta' dik il-persuna jew persuni jew entita`. Dawna ghandna t-Task Force, in-nies tieghi hemmhekk. Qed nanalizzawhom jiena flimkien ma' Dr Tabone s-supretendent ta' l-iskwadra tal-Hasil tal-Flus. Nirrapporta ukoll lill-Kummissarju u flimkien naraw, nanalizzawhom chat chat u naraw jekk tiskattax ghandhiex tiskatta investigazzjonijiet kriminali. Nista' nghid li minn dawn id-devises numru ta investigazzjoni kirminali qeghdin ghaddejjin u qeghdin attivi....

***Imhallef A Lofaro :***
Jigifieri infethu dawn l-investigazzjonijiet

***Ix-Xhud :***
Iva iva, u ghadhom ghaddejjin.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri inti tifhem illi ahna ma ahniex hawn biex niddeciedu fuq ir-reati, qed tifhem? Ahna qeghdin hawn biex naraw l-agir amministrattiv tal-…

***Imhallef A Lofaro :***
L-istituzzjonijiet.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri ghalkemm din l-informazzjoni hija importanti hafna ghax tirrifletti fuq l-agir, ma ahniex qeghdin hawn biex nghidu – hares, tort ta' dak, tort ta' l-iehor, dan hati, mhux hati! Dik mhix haga taghna u lanqas tant tinteressana. Li jinteressana huwa l-kwadru generali ta' kif wiehed agixxa, bhala istituzzjoni, u anke bhala individwu, qed tifhem? U nikkoncentraw fuq hekk l-iktar. Imma whatever, li nkun nafuli l-affarijiet illum kif inhuma miexjin donnhom ahjar minn qabel almenu! Issa organizzati izjed huwa fatt dan. Ic-cirkostanzi gew hekk, imma organizzati izjed u tidhru iffokati fuq x' ghandkom taghmlu preciz. X' hemmhekk naqblu, qed tifhem? Imma we have to go at that time iktar milli llum.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghandek xi domandi?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Iva. Forsi biex niccara l-mistoqsija li kien qed jaghmel il-Bord l-ewwel; ‘l ghaliex il-Bord jinteressah ukoll jara c-cirkostanzi li sehhew fit-2017, 2016, jigifieri preceding l-assassinju u nake wara. U allura forsi l-mistoqsija nista’ niccaraha billi nistaqsik, ma nafx jekk tistax tirrispondini issa, inti ghedt illi bhal issa minn dan ir-rapport konklussiv li lestiet il-Magistrata ghadhom ghaddejjin investigazzjonijiet biex tkomplu tinvestigaw dak li hemm indikat fir-rapport. Nifhem illi l-investigazzjonijiet allura ghaddejjin biex jigbru iktar provi. Allura l-mistoqsija hija dawn il-provi u l-investigazzjonijiet li qed taghmlu issa setghu saru b’ mod parallel ma’ l-Inkjesta tal-Magistrat u setghu ngabru qabel ..

***Imhallef A Lofaro :***
..jew kellhom bzonn jistennew?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
…jew kellkom bzonn tistennew dak ir-rapport biex tigbruhom?

***Ix-Xhud :***
Jekk forsi nista’ inwegibha fil-privat..; nitlob ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ok.

***Ix-Xhud :***
Li nista’ inzid ukoll illi meta jiena hadt taht ir-responsabbilta` u tmexxija ta’ dan id-Dipartiment jiena kont sejjaht laqgha ma’ l-ufficjali tieghi, kien .. id-data ma niftakarx, imma kienet ..

***Imhallef A Lofaro :***
Forsi tghidilna meta please bla data?

***Ix-Xhud :***
Ehe, id-data l-ewwel meeting sar fid-9 ta’ Lulju fejn hemmhekk laqqajt l-ispetturi kollha taz-zewg skwadri. Spjegajtilhom il-hidma taghna bhala team wiehed; li tlabthom izommu go mohhhom u dejjem at the back of thier minds il-lealta` tal-gurament illi hadna. Tlabthom ukoll illi waqt l-investigazzjoni jzommu quddiemhom l-investigazzjoni l-interess ahhari tal-Korp u tal-guramenti li hadu minghajr ma jharrsu lejn ucuh, hu min hu, hi min hi minn fejn gej.

***Imhallef A Lofaro :***
Hassejt li kellek taghmel hekk.

***Ix-Xhud :***
Hassejt li kelli naghmilha ghaliex ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ghandek xi raguni ghalfejn hassejtha din?

***Ix-Xhud :***
Le jiena ridt li nurihom li ghandi fiducja fihom; u jiena ridt ukoll illi nghidilhom ha nahdmu bhala team. Ma ghandniex ghalfejn nibzghu; ghandna l-gurament ta’ meta hadna.. il-gurament li hadna meta dhalna fil-Korp, u ma ghandniex ghalfejn nibzghu, l-persuni jew persuni illi qeghdin jigu interrogati jew li ghad iridu jigu interrogati.

***Imhallef A Lofaro :***
Iva, prosit.

***Ix-Xhud :***
Ghedtilhom m’ intomx ser tkunu wehidkom. Ghaliex dak iz-zmien ma kellix supretendenti, illum ghandi s-supretendenti. Ghaliex jiena flimkien mas-supretendenti ha nibdew l-investigazzjoni maghkom; ha nkunu fl-investigazzjoni maghkom u ha nibqghu wkoll maghom anke ..

***Imhallef A Lofaro :***
Id f’ id flimkien; mhux hekk?

***Ix-Xhud :***
Id f’ id iva.

***Imhallef A Lofaro :***
Importanti.

***Ix-Xhud :***
U tlabthom ukoll illi min ghandu xi interess.. xi konflitt ta’ interess jew forsi qed jibza jew forsi ghal xi raguni jew ohra ma huwiex iktar tenibbli biex jibqa’ fl-iskwadra tlabthom illi jigu huma javvicinawni u jiena nkun nista’ nitlob illi jigu trasferiti lejn Dipartiment iehor.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` meta ghamilt dan id-diskors li huwa diskors utili u generalment isir dejjem ftit jew wisq meta wiehed jiehu over; pero` kont konxja inti tal-fatt f’

Lulju li kien hemm allegazzjonijiet.. allegazzjonijiet (underline) kontra membri ta’ l-istes unit li setghu b’ xi mod kienu involuti?

***Ix-Xhud :***
Nista’ nghidlek ma kontx konxja, ghaliex ..

***Imhallef A Lofaro :***
Xejn?!

***Ix-Xhud :***
Ma kontx konxja. Pero` mbaghad meta jiena bdejt nidhol fid-dettal, f’ inkjesta inkjesta, u approwcjawni wkoll il-magistrati u kif ukoll kollegi tieghi ta’ l-iskwadra stess jigifieri l-ufficjali investigattivi hemmhekk imbaghad bdejt nirrealizza illi ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Kien hemm sustanza fl-allegazzjoni ..

***Ix-Xhud :***
Illi ahjar naghmel din il-laqgha

***Imhallef J Said Pullicino :***
Naqblu.

***Ix-Xhud :***
Fil-fatti hassejt illi nerga’ naghmel laqgha ohra fl-14 ta’ Ottubru fejn inkun nista’ nirrelata aktar fil-privat dwar it-tieni laqgha li jiena hassejt illi nerga’ nghajjat l-ufficjali kollha tieghi.

***Imhallef A Lofaro :***
Tista’ tghidilna ghalfejn kien hemm il-htiega tat-tieni laqgha?

***Ix-Xhud :***
Jekk nista’ nghidha fil-privat…,

***Imhallef A Lofaro :***
Fil-privat; ok.

***Ix-Xhud :***
Nirringrazzjak.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ha naghmillek domanda ohra; jigifieri meta inti.. ghaliex fair enough, jigifieri inti, qeghdin naqblu li inti kont konxja ta’ dawn l-affarijiet u allura ovvjament ghedtilhom illi jekk…

***Ix-Xhud :***
M akontx konxja …; kif irfist hemmhekk bdejt..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ehe yes; inti jigifieri meta ghedt stedinthom biex jekk hemm xi hadd li jixtieq iwarrab minn dik il-unit, avvicinak.., kien hemm xi hadd li resaq lejk?

***Ix-Xhud :***
Le le.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Hadd ma gie.

***Imhallef A Lofaro :***
Hadd ma ried.

***Ix-Xhud :***
Le. Anzi meta jiena spjegajtilhom li ser ikun hemm.. li ghandna investigazzjonijiet magguri u spjegajtilhom liema huma, u anke huma ziedu fuqhom, u ghedtilhom li ser nahdmu id f’ id bhala team kien hemm l-espressjoni ta’ wicchom kienet ta’ sodisfazzjon u ta’ qisu ..

***Imhallef A Lofaro :***
Forsi ta’ soljev?

***Ix-Xhud :***
Ezatt

***Imhallef A Lofaro :***
Ta’ soljev.  Mhux hekk?

***Ix-Xhud :***
Ehe ezatt. U bdejna bil-hidma; hidma nista’ nghid hidma attiva ghadha ghaddejja. Kulhadd xammar mill-kbir saz-zghir.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` qabel ma kienux xammru? Qabel ma gejt inti ma kienux xammru?

***Ix-Xhud :***
Ma nistax Sinjur nghid ta' qabel ..

***Imhallef A Lofaro :***
Qed tghid li kellhom sens..

***Ix-Xhud :***
… taht ir-responsabbli tieghi qabel ma...

***Imhallef A Lofaro :***
Hi qalet illi kienu relieved. They were relieved, hux hekk?

***Ix-Xhud :***
L-espressjoni ta' wicchom illi speci li ser naslu; team wiehed

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ha nahdmu issa

***Ix-Xhud :***
Ha nahdmu

***Imhallef A Lofaro :***
Dr Therese ..?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Forsi xi haga li staqsejna lix-xhud qabel kienet jekk minn l-investigazzjonijiet illi ghaddejjin, dan il-Bord ghandux jistenna informazzjoni ulterjuri li tista' tghinu fl-istharrig tieghu jew le. Nahseb dik kienet domanda li ghamilniha ..

***Imhallef A Lofaro :***
Per ezempju din id-data li qed tanalizzaw, tal-Europol.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ehe.

***Ix-Xhud :***
Mela din id-data Sinjura, dina ghamilt sal-bierah stess kellna l-laqghat u diskussjonijiet. Din id-data li hija volumenuza; pero` jiena ghedtilhom illi rridu naghmlu sforz, ghaliex ta' min jispjega, illi dejjem nippuxxjaw lill-ufficjali taghna; ix-xoghol huwa stressanti, il-pressure hija enormi, u nifhem, u kulhadd qed jifhem, jigifieri t-team kollu, illi sa l-ahhar ta' Novembru ahna rridu nkunu analizzajna u evalwajna din id-data sabiex l-Europol….

***Imhallef A Lofaro :***
Hemm raguni ghal din id-data?

***Ix-Xhud :***
Sabiex il-Europol ikunu jistghu jigu u jesebuha materjalment fil-proceduri kirminali fil-konfront ta' Yorgen Fenech.

***Imhallef A Lofaro :***
Tahseb li jlahhqu sa dak inhar?

***Ix-Xhud :***
Nispera li nlahhqu. I mean jiena fiducjuza, issa..!

***Imhallef A Lofaro :***
Tahseb li ghandna bzonnha din id-data – din l-informazzjoni? Jew xi haga minnha? Tkun utili ghalina?

***Ix-Xhud :***
Jiena nahseb li tkun utili ghal Bord

***Imhallef A Lofaro :***
Grazzi.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Nistghu nehduha for granted illi inti llum ma kellek u ma qed ikollok ebda interferenza minn imkien ..

***Ix-Xhud :***
Assolutament xejn; lanqas biss il-Kummissarju.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ok.

***Ix-Xhud :***
Anzi l-Kummissarju id f' id. Naqsmu l-ideat taghna, kemm fl-operat u kif ukoll ..

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux hekk ghandu jkun!?

***Ix-Xhud :***
Ezatt. U kif ukoll x' irrizultalna minn l-operazzjoni, x' irrizulta minn l-investigazzjoni, u nzommu hemm up-to-date ghax ovvjament huwa s-superjur tieghi.

***Imhallef A Lofaro :***
U jiehu interess.

***Ix-Xhud :***
Hafna jiehu interess, f' kollox

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux hekk?

***Ix-Xhud :***
F' kollox, f' kull dettal.

***Imhallef A Lofaro :***
M' ghandix dubju.

***Ix-Xhud :***
U s-sapport tieghu huwa enormi.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Mela nkomplu fil-privat?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Iva.

Din hija s-sustanza tax-xhieda ta' l-**Assistent Kummissarju Alessandra Mamo** kif giet dettata minnha stess fil-prezenza ta' l-istess xhud.

Niddikjara li traskrivejt bl-ahjar hila tieghi x-xhieda ta' l-istess xhud.

Saviour Scicluna
Traskrittur